DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2448 / 2598 2480 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**MEMORANDUM**

**Informazzjoni:** X **Data:** 25 ta' Ġunju 2014

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 7/2014

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Direttur, Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Suġġett:** Il-Premju Frans Sammut

---

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jixtieq jinforma lill-iskejjel tal-Istat, il-Knisja u Indipendenti li d-data tal-għeluq għal min irid japplika biex jingħata l-Premju Frans Sammut ġiet estiża sa **nhar il-Ġimgħa 11 ta' Lulju 2014.**

Nixtieq infakkar li dan il-Premju se jibda jingħata kull sena lil dawk l-entitajiet privati, istituzzjonijiet governattivi, mezzi tax-xandir u skejjel li juru li fil-komunikazzjoni verbali, bil-kitba u elettronika jinqdew bl-ilsien Malti b'mod tajjeb, kreattiv u innovattiv.

Il-Premju jinqasam f'żewġ kategoriji:
Kategorija A: Għall-entitajiet, fosthom għaqdiet volontarji, kunsilli lokali, kumpaniji privati, istituzzjonijiet governattivi, fondazzjonijiet, koperattivi u l-bqija.
Kategorija B: Għal skejjel statali, tal-knisja u privati, u entitajiet oħra li jaħdmu fil-qasam tal-edukazzjoni.

Il-premjijiet huma ta' **€1,000, €500 jew €250** fiż-żewġ kategoriji.

Dawk l-iskejjel li jidhrilhom li jixirqilhom dan il-Premju (Kategorija B) kulma għandhom jagħmlu huwa jibagħtu ittra u fiha jniżżlu l-attivitajiet, il-ħidmiet u l-komunikazzjoni li għamlu bil-Malti, pereżempju, attivitajiet soċjokulturali, ċirkolarijiet, tabelli, is-sit elettroniku tal-iskola, il-fuljett jew materjal stampat ieħor tal-iskola, il-kunċerti jew ir-reċti ta' Jum iċ-Ċelebrazzjoni, u l-bqija. L-ittra ta' applikazzjoni u d-dokumenti meħtieġa iridu jintbagħtu bil-posta jew jittieħdu lill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana VLT 2000.

Min ikun jixtieq aktar informazzjoni jista' jsibha fis-sit elettroniku www.education.gov.mt jew billi jċempel lis-Sa Sharon Mifsud, tel. 2598 2885.

Grazzi u saħħa,

**Is-Sur Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**